StudentBounty.com

## EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2012

IL-ĦAMES SENA MALTI (Fehem mis-Smigħ) ĦIN: 20 minuta

Merħba! Matul l-eżami tas-smigħ se tisma' żewġ siltiet.

Ħares lejn Taħriġ A u B tal-Ewwel Silta.
(Ħalli 10 sekondi pawsa sabiex l-istudenti jiffamiljarizzaw ruħhom mat-taħriġ.)

Issa isma' b'attenzjoni. Din is-silta se tismagħha darbtejn.

**[L-Ewwel Silta]**

Mela issa se nibdew bl-Ewwel Silta. Għalissa isma' biss u tarax il-mistoqsijiet.

Sydney, 31 ta' Jannar, 2012

Għażiża Federica,

Ninsab ċerta li tinsab tajba ħafna. Nixtieq l-ewwelnett nifraħlek għar-riżultati sbieħ li ġibt! Ħadt gost wisq nisma' li fit-testijiet li kellek fl-ewwel term tal-iskola ġibt marki għoljin. Min jaf x'bokka għandhom bik il-papà u l-mamà?! U żgur li tferraħhom aktar jekk terġa' tmur tajjeb fl-eżamijiet ta' nofs is-sena. Nissuġġerilek li tkompli tistudja u taqra bħal dejjem.

Bħala rigal għal għeluq sninek mhux se nixtrilek ħwejjeġ bħas-soltu. Issa qed tikber u jien nista' nagħżillek ħwejjeġ li ma jkunux tal-gosti tiegħek. U wara kollox naħseb li għandek ħafna ħwejjeġ! Il-mamà semmietli li xtaqt tibda tmur għal-lezzjonijiet tal-kompjuter. Ħsibt li nibgħatlek ċekk ta' €350 biex tkun tista' tħallas għal dan il-kors li inti tant tixtieq tmur. Ħadt gost li sirt naf li għal dan il-kors imħajra tiġi wkoll Rebecca, il-ħabiba tal-qalb tiegħek. Hekk tkunu tistgħu tmorru għal-lezzjonijiet u tistudjaw flimkien u fl-istess ħin tagħmlu kuraġġ b'xulxin. Jiena naf li inti tifla bil-għaqal u se toqgħod attenta għal-lezzjonijiet. Taqtax qalbek. Ftakar biex fejn ma tifhimx tistaqsi. Illum il-kompjuter huwa għodda importanti li ħadd ma jista' jgħaddi mingħajrha.

Ngħannqek b'saħħti kollha u nibgħatlek bewsa kbira mill-Awstralja.

Dejjem tiegħek,
In-Nanna Frida.

[pawża ta' 3 sekondi]



www.StudentBounty.com

Issa tista' ddawwar il-paġna fejn hemm il-mistoqsijiet tal-ewwel silta, ħalli tara x'se nistaqsik.

[pawża ta' 5 sekondi]

Ħalli nibdew minn **Taħriġ A**

Għal Taħriġ A nitolbok tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba biex turini jekk dak li se ngħid jien **huwiex vera**, jekk **mhuwiex vera**, jew jekk **lanqas biss issemma' fis-silta**.

Ejja naraw l-eżempju.

Din l-ittra nkitbet miz-zija ta' Federica.

Dan **MHUWIEX VERA**. Għalhekk fil-kaxxa jien għamilt sinjal taħt **MHUWIEX VERA**.

Issa naqralek il-bqija tas-sentenzi. Jekk trid, jew jekk taħseb li taf timmarka xi tweġiba minnhom, tista'. Imma għal dan, se nagħtik ċans wara wkoll.

**Numru wieħed.**
Federica marret l-aħjar fit-test tal-Matematika.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn.**
Il-ġenituri ta' Federica jinsabu kuntenti.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta.**
Federica tagħlaq sninha fl-aħħar ta' Frar.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa.**
Din is-sena n-nanna mhux se tibgħat ħwejjeġ lil Federica bħala rigal.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa**
Federika tixtieq tmur lezzjonijiet taż-żfin.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[pawża ta' 3 sekondi]**

Issa li qrajna **Taħriġ A,** nistgħu ngħaddu għal **Taħriġ B.**

F'dan it-taħriġ inti għandek tagħżel kif tkompli l-aħjar is-sentenza skont dak li smajt. Għandek tliet għażliet, imma waħda biss hija t-tajba.



www.StudentBounty.com

Ejja naraw l-eżempju.
Federica marret tajjeb fit-testijiet
(a) tal-ewwel term fl-iskola.
(b) tat-tieni term fl-iskola.
(ċ) tat-tielet term fl-iskola.

Issa, inti smajt li Federica marret tajjeb fit-testijiet tal-ewwel term fl-iskola. Mela t-tajba hija **a.**

Ejja naraw is-sentenzi l-oħrajn ukoll. Jekk trid, tista' tipprova twieġeb xi waħda minnhom, imma se nagħtik ċans wara wkoll.

**Numru wieħed**
*'Min jaf x'bokka għandhom bik il-papà u l-mamà'* tfisser li l-ġenituri ta' Federica:
(a) huma mħassbin dwar it-tifla.
(b) huma tassew kburin bit-tifla.
(ċ) huma morda għax imbokkaw riħ.
**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn**
In-Nanna Frida tħajjar lil Federica:
(a) tkompli l-lezzjonijiet tal-arti.
(b) tkompli tilgħab ma' Rebecca.
(ċ) tkompli tistudja u taqra.
**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta**
Kif saret taf in-nanna li Federica xtaqet tmur għal-lezzjonijiet tal-kompjuter?
(a) Qaltilha Federica stess.
(b) Qaltilha l-mamà ta' Federica.
(ċ) Qaltilha l-ħabiba ta' Federica.
**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa.**
Għaliex in-nanna ma xtaqitx li tibqa' tixtri l-ħwejjeġ lil Federica bħala rigal?
(a) Għax Federica qed tikber u tista' tagħżel il-ħwejjeġ hi.
(b) Għax il-ħwejjeġ li tibgħat in-nanna ma kinux jogħġbu lil Federica.
(ċ) Għax Federica ma kellhiex bżonn ir-rigali tan-nanna.
**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa.**
Għaliex in-nanna kienet ferħana li Rebecca sejra ma' Federica?
(a) Għax Rebecca setgħet twassal lil Federica bil-karozza.
(b) Għax Rebecca u Federica setgħu jitgħallmu u jistudjaw flimkien.
(ċ) Għax Federica kienet tistħi u setgħet tagħmel il-qalb b'Rebecca.
**[pawża ta' 3 sekondi]**

Wara li qrajtlek il-mistoqsijiet taż-żewġ taħriġiet, se nerġa' nsemmagħlek is-silta. Fl-istess ħin, tista' twieġeb xi mistoqsijiet li ħallejt barra.



www.StudentBounty.com

**[Tinstema' l-ewwel silta għat-tieni darba]**

**[Jinstemgħu l-mistoqsijiet għat-tieni darba]**

Issa għandek ftit ħin biex tkompli twieġeb il-mistoqsijiet ta' **Taħriġ A u Taħriġ B.** Tista' timla dak li ħallejt barra jew tbiddel xi ħaġa milli ktibt**.** Għandek ftit minuti biex tiċċekkja kollox.

**[pawża ta' 3 minuti]**

**[It-Tieni Silta]**

Tajjeb. Mela issa se nibdew **it-Tieni Silta**.

Ħares lejn Taħriġ A u B tat-Tieni Silta.
(Ħalli 10 sekondi pawsa sabiex l-istudenti jiffamiljarizzaw ruħhom mat-taħriġ.)

Issa isma' b'attenzjoni. Din is-silta se tismagħha darbtejn.

**L-għalliema tal-ħames sena, Ms Cassar staqsiet lil xi studenti x'inhi l-opinjoni tagħhom dwar it-televiżjoni u kemm iqattgħu ħin jarawh. Se tisimgħu x'kellhom xi jgħidu Luke, Gabriella u Alexia.**

**Luke qal, 'Jien inħobb ħafna nara t-televiżjoni, speċjalment il-kartuns, films tat-tfal u l-logħob tal-futbol. Imma naħseb li ma tantx hija ħaġa tajba li wieħed iqatta' siegħat sħaħ quddiem l-iskrin tat-televiżjoni. L-ewwel nett ma tantx jagħmel ġid lill-għajnejn u t-tieni nett iktar importanti li wieħed ikun attiv, joħroġ mal-ħbieb, imur xi ġirja bir-rota jew jagħmel xi eżerċizzju fiżiku. Wara kollox, ngħid għalija, aktar nieħu gost nilgħab logħba futbol milli nara waħda.'**

**Gabriella ikkummentat, 'Fl-opinjoni tiegħi t-televiżjoni huwa monstru li qed jeqred il-familja. Minħabba fih it-tfal lanqas isibu ħin biex jitkellmu mal-ġenituri u mhux l-ewwel darba li tinqala' xi ġlieda għax xi ħadd ikun irid jara xi programm partikolari u xi ħadd ieħor ikun irid jara xi ħaġa oħra.'**

**Alexia wieġbet: Għalija t-televiżjoni huwa importanti ħafna għax nitgħallem ħafna affarijiet mingħajr lanqas biss noħroġ mid-dar ... m'iniex xi waħda li nissakkar id-dar minħabba fih. Inħobb nara ħafna dokumentarji interessanti u xi kultant inħossni qisni xi esploratriċi. Ma tantx inħobb nara kartuns bla sens. Ma nistax nimmaġina ħajti bla televiżjoni. Ħaġa li ddejjaqni hi li jkun hemm wisq reklami.'**

Issa tista' ddawwar il-paġna fejn hemm il-mistoqsijiet tat-Tieni Silta, ħalli tara x'se nistaqsik.

[pawża ta' 5 sekondi]



www.StudentBounty.com

Ħalli nibdew minn **Taħriġ A.**

Għal Taħriġ A nitolbok tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba biex turini jekk dak li se ngħid jien **huwiex vera**, jekk **mhuwiex vera**, jew jekk **lanqas biss issemma' fis-silta**.

Ejja naraw l-eżempju.

It-tlett itfal iħobbu ħafna jaraw it-televiżjoni.

Dan **MHUWIEX VERA**. Għalhekk fil-kaxxa jien għamilt sinjal taħt **MHUWIEX VERA**.

**Numru wieħed.**
Luke jippreferi jagħmel xi attività milli jara t-televiżjoni.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn.**
Alexia tħobb tara l-kartuns Ġappuniżi.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta.**
Skont Gabriella, it-televiżjoni jġib ħafna nkwiet fil-familja.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa.**
Alexia qatt ma toħroġ mid-dar biex toqgħod tara t-televiżjoni.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa**
Alexia toqgħod tqalleb l-istazzjonijiet meta jkun hemm ir-reklami.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[pawża ta' 3 sekondi]**

Issa se ngħaddu għal **Taħriġ B**.

Għal dan it-taħriġ se nistaqsik mistoqsija, u din id-darba trid tikteb l-isem tat-tifla/tifel li miegħu taqbel il-frażi. It-tweġiba trid tkun Luke, Gabriella jew Alexia.

Ikteb it-tweġiba issa, u wara se nerġa' nagħtik ftit ħin ukoll.

Ejja nisimgħu:

**L-ewwel mistoqsija**
Min ma jistax jimmaġina l-ħajja tiegħu bla televiżjoni?
**[irrepeti l-mistoqsija]**
**[pawża ta' 10 sekondi]**



www.StudentBounty.com

**It-tieni mistoqsija**
Min iħobb jara xi logħba futbol fuq it-televiżjoni?
**[irrepeti l-mistoqsija]**
**[pawża ta' 10 sekondi]**

**It-tielet mistoqsija**
Min qal li t-televiżjoni jista' jagħmel ħafna ħsara lill-għajnejn?
**[irrepeti l-mistoqsija]**
**[pawża ta' 10 sekondi]**

**Ir-raba' mistoqsija**
Min qabbel it-televiżjoni ma' monstru?
**[irrepeti l-mistoqsija]**
**[pawża ta' 10 sekondi]**

**Il-ħames mistoqsija**
Min qal li mit-televiżjoni jitgħallem ħafna affarijiet?
**[irrepeti l-mistoqsija]**
**[pawża ta' 10 sekondi]**

Wara li qrajtlek il-mistoqsijiet taż-żewġ taħriġiet, se nerġa' nsemmagħlek is-silta. Fl-istess ħin, tista' twieġeb xi mistoqsijiet li ħallejt barra.

**[Tinstema' t-tieni silta għat-tieni darba]**

**[Jinstemgħu l-mistoqsijiet għat-tieni darba]**

Issa għandek ftit minuti biex tkompli xi mistoqsijiet li ħallejt barra jew tbiddel xi ħaġa milli ktibt.

**[pawża ta' ftit minuti]**

Grazzi. L-eżami tas-smigħ spiċċa.

Saħħa tfal!



www.StudentBounty.com